Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Frar 2026**
**(OR. en)**

**6459/1/26**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0311 (COD)**

**CODEC 252**
**ENT 28**
**MI 140**
**CONSOM 48**
**COMPET 204**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2014/32/UE fir-rigward tas-sistemi tal-kejl għal tagħmir tal-provvista tal-vetturi elettriċi, distributuri tal-gass ikkompressat, u arloġġi tal-elettriku, tal-gass u tal-enerġija termali **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fid-29 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta[1] tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Jannar 2025[2].

3. Fl-10 ta' Frar 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[3]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

[1] 16426/24 + ADD 1.
[2] 12833/25 + COR 1.
[3] 6233/26.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 58/25, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bir-Repubblika Ċeka, l-Awstrija u l-Iżvezja jastjenu.

5. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.